*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,012, 9 ta' Lulju, 1982*

*Taqsima C*

# Nru. 23

9. 7. 82

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament f'isem l-Onorevoli Reno Calleja, M.P., Ministru tat-Turiżmu u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-5 ta' Lulju, 1982.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala.**

C. Mifsud

***Skrivan tal-Kamra tad-Deputati***

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Senior Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Parliamentary Affairs on behalf of the Honourable Reno Calleja, M.P., Minister of Tourism and read the First time at the Sitting of the 5th July, 1982.

**AN ACT further to amend the Guest Houses and Holiday Furnished Premises Act, 1974.**

C. Mifsud

*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar il-'Guest Houses' u Postijiet 'Furnished' għall-Btala.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1982 li jemenda l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

2. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ta' kull *guest house* jew post għall-btala" għandhom jidħlu l-kliem "ta' kull *guest house,* post għall-btala jew dar".

Emenda ta' l-artikolu 11A ta' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11A ta' l-Att prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3A) Il-Ministru jista' qabel ma jagħti liċenza taħt dan l-artikolu jeħtieġ li ssir spezzjoni tad-dar relattiva minn persuna awtorizzata minnu sabiex jiġi żgurat li dik id-dar tkun skond livelli aċċettabbli.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jiżgura li djar ikunu skond livelli aċċettabbli kemm qabel ma tinħareġ liċenza dwarhom kif ukoll wara sakemm iddum valida l-liċenza.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Guest Houses and Holiday Furnished Premises Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Guest Houses and Holiday Furnished Premises (Amendment) Act, 1982, and shall be read and construed as one with the Guest Houses and Holiday Furnished Premises Act, 1974, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title.

**2.** In subsection (3) of section 3 of the principal Act, for the words "of any guest house or holiday premises" there shall be substituted the words "of any guest house, holiday premises or house". Amendment of section 3 of the principal Act.

**3.** Immediately after subsection (3) of section 11A of the principal Act there shall be inserted the following new subsection: Amendment of section 11A of the principal Act.

"(3A) The Minister may before granting a licence under this section require an inspection of the house in question by a person authorised by him to ascertain that such house conforms to acceptable standards.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to ensure that houses conform to acceptable standards both before a licence in respect thereof is issued and subsequently for the duration of the licence.

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Taghrif — Kastilja — *Published by the Information Division — Kastilja*

Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*